MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tas-26 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 966/2011

**Ballut Blocks Services Limited**

**vs**

**F.G.S. Construction Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-5 ta' Ottubru 2011 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta attrici hija kreditrici tas-socjeta konvenuta fl-ammont ta' mija u sebat elef, mija u tlieta u sebghin euro u tlett centezmu (€107,173.03) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' materjal ta' bini mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta konvenuta mis-socjeta attrici fuq inkarigu tal-istess socjeta konvenuta u dana kif jirrizulta mill-anness Statement (Dok. "BBS1 ");

2. Illi l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u, fil-fehma tal-istess socjeta attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi fil-fehma tal-istess socjeta attrici, is-socjeta konvenuta m'ghandhiex ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont;

3. Illi ghalkemm is-soejeta konvenuta giet interpellata ripetutament sabiex thallas l-imsemmi ammont hija baqghet inadempjenti u ma halsitx;

4. Dawn il-fatti huma maghrufa lis-socjeta attrici personalment;

5. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi l-attrici titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh, ghall-finijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta li thallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' mija u sebat elef, mija u tlieta u sebghin euro u tlett centezmu (€107,173.03) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' materjal ta' bini mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta konvenuta mis-socjeta attrici fuq inkarigu tal-istess socjeta konvenuta;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontestwalment prezentat, oltre l-imghaxijiet legali sal-jum tal-effettiv pagament, kontra s-socjeta konvenuta rapprezentanti ta' liema huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta attrici;

Rat li s-socjeta konvenuta giet debitament notifikata fit-2 ta' April 2012 permezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni fil-Gazetta tal-Gvern u gazzetti lokali pero ma dehritx ghas-seduta tat-18 ta' April 2012;

Semghet ix-xhieda ta' Dr. Massimo Vella li kkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont pretiz mis-socjeta attrici ghadu kollu dovut kif mitlub billi ma thallas ebda parti minnu;

**Decide**

Billi mill-atti u xiehda prodotta t-talba attrici tidher gustifikata, il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' mija u sebat elef, mija u tlieta u sebghin euro u tlett centezmu (€107,173.03), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kollha kif mitluba sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------